**Qorti Ċivili - Prim'Awla**

**Imħallef**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2023**

**Kawża Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1174/2022 JVC**

**Jeanette sive Janet Vella (K.I. 0065874M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Jeanette sive Janet Vella talbet kif isegwi:

1. '1. Illi l-esponenti twieldet u inghatat l-isem ta' Jeanette Vella kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok '**A**';

2. Illi minkejja li fic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok '**A**' hemm imnizzel l-isem 'Jeanette', l-intenzjoni tal-genituri tar-rikorrenti kienet li isem binthom jitnizzel bhala 'Janet' sabiex ma jkunx hemm tifxkil bejnha u bejn ommha li hija maghrufa bhala Jeanette;

3. Illi dak li gara kien li bi zball u bi zvista frott l-eccitament tal-mument marbut mat-twelid ta' tarbija gdida, missier ir-rikorrenti naqas li jindika fil-mument tar-registrazzjoni tat-tarbija li isem il-minuri kellu jinkiteb 'Janet';

4. Illi sa minn ckunita, ir-rikorrenti dejjen kienet maghrufa bl-isem 'Janet' kemm fost il-familja u kemm fost il-hbieb u l-konoxxenzi taghha;

5. Illi di piu, l-isem ta' 'Janet' huwa l-isem li l-istess rikorrenti tuza ghaliha u li jigi uzat ghaliha fil-hajja ta' kuljum mill-familja, hbieb u konoxxenzi taghha kif ukoll minn min hi kient jew ghada tinteragixxi fil-hajja ta' kuljum. Fil-fatt, ir-Rendikont tat-Taxxa ghas-Sena ta' Stima 2021 inhareg mill-Ufficcju tal-Kummissarju għad-Dħul lir-rikorrenti that l-isem 'Janet Vella' kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok '**B**';

6. Illi r-rikorrenti ser tipproduci ghadd xhieda li juru li hi minn dejjem kienet u ghada konsistentement tissejjah bl-

isem ta' 'Janet', u dan kif ukoll ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi tali inkonsistenza qed tikkawza diffikultajiet prattici u procedurali ghar-rikorrenti;

8. Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni tal-Att tat-Twelid taghha b'mod illi minflok l-intestatura 'Jeanette' taht il-parti 'Isem il-Wild' titnizzel biss l-intestatura 'Janet';

9. Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lil kull persuna taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzoni opportune, joghgobha:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u hija maghrufa bl-isem ta' 'Janet';

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet necessarji fuq l-Att tat-Twelid bin-numru sitt mija tmienja u hamsin (658) tas-sena elf disgha mija erbgha u sebghin (1974) sabiex fil-kolonni ntestati "Ismijiet Moghtija" u "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah", l-isem ta' 'Jeanette' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' 'Janet' u li din il-korrezzjoni tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tar-rikorrenti;

3. Tordna illi dan il-bdil fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti jigi rifless ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li d-Direttur intimat jaghmel il-modifiki opportuni, fosthom l-att taz-zwieg bin-numru 510/1996 u l-att tat-twelid ta' Jules Darville bin-numru 1620/2002.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur Intimat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi preliminarjament ukoll, għandu jingħad illi mar-rikors ġuramentat kellha tiġi pprezentata vera kopja fl-intier tagħha tal-Att tat-Twelid 658/1974 u mhux biss estratt stante li talba għal-korrezzjoni fil-kolonni tal-estratt ma jirrispekkjawx il-kolonni li effettivament huma fuq l-Att tat-Twelid originali;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat **658/1974**, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata **<u>Dok. DRP 1</u>**, jirriżulta illi hija twieldet f'Malta, fl-2 ta' Jannar

1974, lil Edwin Vella u Jane sive Jeanette née St John, u li Jeanette huwa l-isem li ingħatat mill-ġenituri tagħha. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mill-istess rikorrenti;

**5.** Illi kien il-missier, Edwin Vella, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħatawlha huma Jeanette, Lorna u Pauline u dan kif jirrizulta mill-istess Att ta' Twelid;

**6.** Illi r-rikorrenti pproċediet bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha u kwalunkwe att iehor tal-identita' tagħha, stante illi hija ddikjarat li minkejja li 'Jeanette' huwa l-isem li ingħatalha mill-ġenituri tagħha, fil-ħajja ta' kuljum hija konsistentement magħrufa bħala 'Janet';

**7.** Illi nonostante dak li ġie iddikjarat mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat, huwa effettivament l-isem 'Jeanette' li intuza fl-Att taż-Żwieg (**510/1996**), vera kopja annessa u mmarkata **<u>Dok. DRP 2</u>** u fl-Att tat-Twelid ta' binha 'Jules' (**1620/2002**), vera kopja annessa u mmarkata **<u>Dok. DRP 3</u>**;

**8.** Illi minkejja li r-rikorrenti qegħdin jinkwadraw it-talba tagħhom ai termini tal-Artikolu 253 et seq tal-Ligijiet ta' Malta, tajjeb jingħad li ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(2), il-legislatur jeskludi r-rimedju ta' tibdil fl-isem meta tali talba tkun tammonta biss <u>għal verzjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidrhu fl-att tat-twelid relattiv</u>, liema ċirkostanzi din l-Onorabbli Qorti għandha għalhekk taċċerta li ma jeżistux fil-kaz odjern;

**9.** Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tieni talba attrici, sa fejn qed jiġi mitlub korrezzjoni fil-kolonna ntestata 'Isem il-Wild', l-attrici għandha titlob korrezzjoni stante li tali kolonna ma tezistix fl-'Att tat-Twelid' stante illi din il- kolonna tidher biss fl-estratt. Tali korrezzjoni skond il-ligi tista' ssir biss fuq l-Att tat-Twelid fil-kolonni intestati 'Ismijiet mogħtija' u 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjah';

**10.** Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, fejn qed tintalab il-korrezzjoni ta' 'f'kull att tal-istat civili relattiv għar-rikorrenti' qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, <u>liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom.</u> Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**11.** Illi di piu', u bla ħsara għall-premess, tali tibdil jista' jsir biss f'atti ta' stat civili li huma responsabilita' tad-Direttur intimat u cioe' limitatament għall- Atti ta' Twelid, Atti ta' Zwieg, Atti ta' Stat Civili u Atti tal-Mewt;

**12.** Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu kif wara kollox huwa ikkonfermat fir-rikors ġuramentat tar-

rikorrenti u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**13.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat illi permezz tal-verbal il-korrezzjonijiet mitluba fit-18 ta' April 2023 ġew sorvolati l-ewwel, id-disa' u l-għaxar eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 8 tal-proċess.

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat fosthom ir-return tat-taxxa tar-rikorrenti maħruġa mill-Office of the Commissioner for Revenue a fol 5 tal-proċess li effettivament turi l-isem Janet Vella.

Rat l-affidavits eżebiti mir-rikorrenti li kollha jikkonfermaw li r-rikorrenti hija magħrufa bl-isem ta' Janet u mhux Jeanette kif reġistrata fiċ-ċertifikat tat-twelid.

Rat id-dokumentazzjoni l-oħra annessa li wkoll tevidenzja li r-rikorrenti hija magħrufa bl-isem ta' Janet u mhux Jeanette.

Semghet il-kontro-eżami tar-rikorrenti fis-seduta tallum stess fejn ingħatat spjegazzjoni dettaljata għalfejn hija ġiet reġistrata bħala Jeanette, iżda wkoll għalfejn ilha sa minn ċkunitha magħrufha bl-isem ta' Janet.

In vista ta' dan il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent hija ġustifikata w'ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess. Stante li d-Direttur intimat jirriżulta li ma kienx hemm nuqqasijiet da parti tiegħu l-ispejjeż għandhom jiġu allokati lir-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti kienet konsistentament imsejħa u hija magħrufa bl-isem ta' 'Janet';

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Diettur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet neċessarji fuq l-Att tat-Twelid bin-numru sitt mija tmienja u ħamsin (658) tas-sena elf disgħa mija erbgħa u sebgħin (1974) sabiex fil-kolonni ntestati

"Ismijiet Moghtija" u "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah", l-isem ta' 'Jeanette' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' 'Janet' u li din il-korrezzjoni tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tar-rikorrenti fil-poter tad-Direttur intimat;

4. Tilqa' it-tielet talba u tordna illi dan il-bdil fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti jigi rifless ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta dejjem fil-poter tad-Direttur intimat u li d-Direttur intimat jaghmel il-modifiki opportuni, fosthom l-att taz-zwieg bin-numru 510/1996 u l-att tat-twelid ta' Jules Darville bin-numru 1620/2002.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**6.** Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**8 ta' Novembru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**8 ta' Novembru 2023**